A.L. 86 tal-2018

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 7 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u bil-parir tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 378.10.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "self f'munita barranija" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Self intermedjarju" tfisser kuntratt ta' kreditu li m'għandux tul ta' żmien fiss jew li għandu jitħallas lura fi żmien tnax-il xahar, li huwa użat mill-konsumatur bħala soluzzjoni ta' finanzjament temporanju waqt it-transizzjoni għal arranġament finanzjarju ieħor fir-rigward tal-proprjetà immobbli;".

Jemenda r-regolament 25A tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 25A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"A.L. 259 tal-2016.

"(1) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolament kif emendati permezz Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar Self għal Dar m'għandhomx japplikaw għal kuntratti ta' kreditu li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn l-imsemmija regolamenti."; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "mal-liġi nazzjonali li tittrasponi r-regolament 9" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mas-subregolamenti (1) sa (9) tar-regolament 6".